   (b) l-oġġetti msaħħna għal temperaturi ta' inqas minn 800 °C għall-finijiet bħal eż. it-twebbis tar-reżini, l-aċċellerazzjoni tar-reazzjonijiet tal-idratazzjoni, jew għat-tneħħija tal-ilma jew komponenti volatili oħrajn, mhumiex meqjusa bħala moħmija. Oġġetti bħal dawn huma esklużi mill-Kapitolu 69; u

   (c) l-oġġetti taċ-ċeramika jinkisbu permezz tal-ħami ta' materjali inorganiċi nonmetalliċi li jkunu tħejjew u ġew iffurmati qabel, ġeneralment f'temperatura ambjentali. Il-materji primi, *inter alia*, it-tafal, il-materjali siliċużi inkluż is-siliċe fuż, il-materjali b'punt tat-tidwib għoli, bħal eż. l-ossidi, il-karburi, in-nitruri, il-grafit jew karbonju ieħor, u f'xi każijiet il-leganti bħal eż. it-tafal refrattarju jew il-fosfati.

2. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

   (a) prodotti tal-intestatura 2844;

   (b) oġġetti tal-intestatura 6804;

   (c) oġġetti tal-Kapitolu 71 (eż. biġotterija);

   (d) ċermiti tal-intestatura 8113;

   (e) oġġetti tal-Kapitolu 82;

   (f) iżolaturi tal-elettriku (intestatura 8546) jew fittings ta' materjal iżolanti tal-intestatura 8547;

   (g) snien artifiċjali (intestatura 9021);

   (h) oġġetti tal-Kapitolu 91 (eż. arloġġi u oqfsa tal-arloġġi);

   (ij) oġġetti tal-Kapitolu 94 (eż. għamara, il-luminarji u l-fittings tat-tidwil, bini prefabbrikat);

   (k) oġġetti tal-Kapitolu 95 (eż. ġugarelli, logħob u oġġetti għall-isport);

   (l) oġġetti tal-intestatura 9606 (eż. buttuni) jew tal-intestatura 9614 (eż. pipi tat-tipjip); jew

   (m) oġġetti tal-Kapitolu 97 (eż. xogħol tal-arti).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
	I. OĠĠETTI MILL-FRAKASS FOSSILI SILIĊUŻ JEW MINN MATERJAL TAL-ART SILIĊUŻ SIMILI, U OĠĠETTI REFRATTARJI		
6901 00 00	**Briks, blokok, madum u oġġetti oħrajn taċ-ċeramika ta' frakass fossili siliċuż (eż. kieselguhr, tripolit jew trab tad-diatomi) jew ta' materjal tal-art siliċuż simili**.....	2	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
6902	**Briks, blokok, madum refrattarju u oġġetti simili taċ-ċeramika refrattarja għall-kostruzzjoni, għajr dawk ta' frakass fossili siliċuż jew ta' materjal tal-art siliċuż simili:**		
6902 10 00	– **B'kontenut, skont il-piż, waħdiet jew flimkien, ta' iktar minn 50 % tal-elementi Mg, Ca jew Cr, espressi bħala MgO, CaO jew Cr_2O_3**	2	—
6902 20	– **B'kontenut skont il-piż, ta' iktar minn 50 % ta' alumina (Al_2O_3), ta' silika (SiO_2) jew ta' taħlita jew kompost ta' dawn il-prodotti:**		
6902 20 10	–– B'kontenut skont il-piż, ta' 93 % jew aktar ta' silika (SiO_2)	2	—
	–– Oħrajn:		
6902 20 91	––– B'kontenut skont il-piż, ta' iktar minn 7 % iżda inqas minn 45 % ta' alumina (Al_2O_3)	2	—
6902 20 99	––– Oħrajn	2	—
6902 90 00	– **Oħrajn**	2	—
6903	**Oġġetti oħrajn taċ-ċeramika refrattarja (eż. reċipjenti għat-tisħin, griġjoli, borom żgħar, żnienen, tappijiet, appoġġi, kuppetti, tubi, pajpijiet, għantijiet, vireg u valvi b'gate skorrevoli), għajr dawk ta' frakass fossili siliċuż jew ta' materjal tal-art siliċuż simili:**		
6903 10 00	– **Li fihom aktar minn 50 % ta' karbonju ħieles skont il-piż**	5	—
6903 20	– **B'kontenut skont il-piż, ta' iktar minn 50 % ta' alumina (Al_2O_3) jew ta' taħlita jew kompost ta' alumina u ta' silika (SiO_2):**		
6903 20 10	–– B'kontenut skont il-piż, ta' inqas minn 45 % ta' alumina (Al_2O_3)	5	—
6903 20 90	–– B'kontenut skont il-piż, ta' 45 % jew iktar ta' alumina (Al_2O_3)	5	—
6903 90	– **Oħrajn:**		
6903 90 10	–– B'kontenut skont il-piż ta' iktar minn 25 % iżda mhux iktar minn 50 % ta' karbonju ħieles	5	—
6903 90 90	–– Oħrajn	5	—
	II. PRODOTTI OĦRAJN TAĊ-ĊERAMIKA		
6904	**Briks taċ-ċeramika għall-bini, blokok, appoġġi jew madum għall-mili għall-art u bħalhom:**		
6904 10 00	– **Briks għall-bini**	2	p/st
6904 90 00	– **Oħrajn**	2	—
6905	**Madum għat-tisqif, irjus taċ-ċmieni, għotjien taċ-ċmieni (cowls), liners taċ-ċmieni, tiżjin arkitettoniku u oġġetti oħrajn taċ-ċeramika għall-kostruzzjoni:**		
6905 10 00	– **Madum għat-tisqif**	Eżenti	p/st
6905 90 00	– **Oħrajn**	Eżenti	—
6906 00 00	**Pajpijiet taċ-ċeramika, conduits, katusi u fittings għall-pajpijiet**	Eżenti	—
6907	**Ċangaturi u madum taċ-ċeramika għall-pavimenti, għall-qigħan taċ-ċmieni u għall-ħitan; kubi tal-mużajk taċ-ċeramika u oġġetti bħal dawn, fuq rifda jew le; ċeramiki tal-finitura:**		
	– **Ċangaturi u madum għall-pavimenti, għall-qigħan taċ-ċmieni u għall-ħitan għajr dawk tas-subintestaturi 6907 30 u 6907 40:**		
6907 21 00	–– **B'koeffiċjent tal-assorbiment tal-ilma skont il-piż li ma jaqbiżx iż-0,5 %**	5	m^2

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
6907 22 00	**–– B'koeffiċjent tal-assorbiment tal-ilma skont il-piż li jaqbeż iż-0,5 % imma mhux l-10 %**	5	m^2
6907 23 00	**–– B'koeffiċjent tal-assorbiment tal-ilma skont il-piż li jaqbeż l-10 %**	5	m^2
6907 30 00	**– Kubi tal-mużajk u oġġetti bħal dawn, għajr dawk tas-subintestaturi 6907 40**	5	m^2
6907 40 00	**– Ċeramiki tal-finitura**	5	m^2
[6908]			
6909	**Oġġetti taċ-ċeramika għal użi ta' laboratorju, użi kimiċi jew tekniċi oħrajn; ħwat, banjijiet u reċipjenti simili taċ-ċeramika tat-tip użati fl-agrikultura; vażetti u oġġetti simili taċ-ċeramika tat-tip użati għall-ġarr jew ippakkjar tal-prodotti:**		
	– Oġġetti taċ-ċeramika għall-użu fil-laboratorju, użi kimiċi jew tekniċi oħrajn:		
6909 11 00	**–– Tal-porċellana jew tal-kina**	5	—
6909 12 00	**–– Oġġetti b'ebusija ta' 9 jew aktar fuq l-iskala Mohs**	5	—
6909 19 00	**–– Oħrajn**	5	—
6909 90 00	**– Oħrajn**	5	—
6910	**Sinkijiet, washbasins, pedestalli tal-washbasins, banjijiet, bidejiet, skutelli tat-toilet, ċisterni tal-flushing, awrinari taċ-ċeramika u fixtures sanitarji simili:**		
6910 10 00	**– Tal-porċellana jew tal-kina**	7	—
6910 90 00	**– Oħrajn**	7	—
6911	**Oġġetti tal-mejda, oġġetti tal-kċina, oġġetti oħrajn tad-dar u oġġetti tat-twaletta, tal-porċellana jew tal-kina:**		
6911 10 00	**– Oġġetti tal-mejda u oġġetti tal-kċina**	12	—
6911 90 00	**– Oħrajn**	12	—
6912 00	**Oġġetti tal-mejda, oġġetti tal-kċina, oġġetti oħrajn tad-dar u oġġetti tat-twaletta taċ-ċeramika, għajr tal-porċellana jew tal-kina:**		
	– Oġġetti tal-mejda u oġġetti tal-kċina:		
6912 00 21	–– Tal-fuħħar komuni	5	—
6912 00 23	–– Oġġetti magħmulin mill-ġebla	5,5	—
6912 00 25	–– Fuħħar jew fajjenza fina	9	—
6912 00 29	–– Oħrajn	7	—
	– Oħrajn:		
6912 00 81	–– Tal-fuħħar komuni	5	—
6912 00 83	–– Oġġetti magħmulin mill-ġebla	5,5	—
6912 00 85	–– Fuħħar jew fajjenza fina	9	—
6912 00 89	–– Oħrajn	7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
6913	**Statwetti u oġġetti ornamentali oħrajn taċ-ċeramika:**		
6913 10 00	– **Tal-porċellana jew tal-kina**	6	—
6913 90	– **Oħrajn:**		
6913 90 10	–– Tal-fuħħar komuni	3,5	—
	–– Oħrajn:		
6913 90 93	––– Fuħħar jew fajjenza fina	6	—
6913 90 98	––– Oħrajn	6	—
6914	**Oġġetti oħrajn taċ-ċeramika:**		
6914 10 00	– **Tal-porċellana jew tal-kina**	5	—
6914 90 00	– **Oħrajn**	3	—

KAPITOLU 70

ĦĠIEĠ U OĠĠETTI TAL-ĦĠIEĠ

Noti

1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

   (a) oġġetti tal-intestatura 3207 (eż. żmalti u tili vitrifikabbli, fritta tal-ħġieġ, ħġieġ ieħor f'forma ta' trab, granuli jew fjokki);

   (b) oġġetti tal-Kapitolu 71 (eż. biġotterija);

   (c) kejbils tal-fibra ottika tal-intestatura 8544, iżolaturi elettriċi (intestatura 8546) jew fittings ta' materjal iżolanti tal-intestatura 8547;

   (d) windscreens ta' quddiem (windshields), twieqi ta' wara u twieqi oħrajn, bix-xambrelli, għall-vetturi tal-Kapitoli 86 sa 88;

   (e) windscreens ta' quddiem (windshields), twieqi ta' wara u twieqi oħrajn, kemm jekk bix-xambrelli u kemm jekk le, li jinkorporaw apparati għat-tisħin jew apparat elettriku jew elettroniku ieħor, għall-vetturi tal-Kapitoli 86 sa 88;

   (f) fibri ottiċi, elementi ottiċi maħdumin b'sistemi ottiċi, siringi ipodermiċi, għajnejn artifiċjali, termometri, barometri, idrometri jew oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 90;

   (g) il-luminarji u l-fittings tat-tidwil, sinjali mdawlin, pjanċi tal-isem imdawlin jew bħalhom, b'sors ta' dawl fiss b'mod permanenti, jew komponenti tagħhom tal-intestatura 9405;

   (h) ġugarelli, logħob, oġġetti għall-isport, tiżjin tas-siġra tal-Milied jew oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 95 (ħlief għajnejn tal-ħġieġ mingħajr mekkaniżmu għal pupi jew għal oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 95); jew

   (ij) buttuni, fitted vacuum flasks, sprejjijiet tal-fwieħa jew simili jew oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 96.

2. Għall-finijiet tal-intestaturi 7003, 7004 u 7005:

   (a) ħġieġ mhux kunsidrat "maħdum" minħabba xi proċess li jkun għadda minnu qabel ġie ttemprat;

   (b) il-qtugħ fil-forma meħtieġa ma jaffettwax il-klassifikazzjoni tal-ħġieġ f'folji;

   (c) l-espressjoni "saff assorbenti, riflettenti jew mhux riflettenti" tfisser kisja mikroskopikament irqiqa ta' metall jew ta' kompost kimiku (eż. ossidu ta' metall) li tassorbi pereżempju d-dawl infraħmar, jew li ttejjeb il-kwalitajiet riflettenti tal-ħġieġ waqt li xorta waħda tħallih iżomm grad ta' trasparenza jew traslużidità; jew li ma tħallix id-dawl ikun rifless fuq il-wiċċ tal-ħġieġ.

3. Il-prodotti msemmijin fl-intestatura 7006 jibqgħu kklassifikati f'dik l-intestatura, kemm jekk għandhom il-karatteristiki ta' oġġetti kif ukoll jekk le.

4. Għall-finijiet tal-intestatura 7019, l-espressjoni "suf tal-ħġieġ" tfisser:

   (a) fibri minerali b'kontenut ta' silika (SiO_2) ta' mhux inqas minn 60 % skont il-piż;

   (b) fibri minerali b'kontenut ta' silika (SiO_2) ta' inqas minn 60 % iżda b'kontenut ta' ossidu alkalin (K_2O jew Na_2O) ogħla minn 5 % skont il-piż, jew b'kontenut ta' ossidu boriku (B_2O_3) ogħla minn 2 % skont il-piż.

   Fibri minerali li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet ta' hawn fuq jaqgħu fl-intestatura 6806.

5. Fin-nomenklatura, l-espressjoni "ħġieġ" tinkludi l-kwarz fuż u silika oħra fuża.

Nota tas-subintestatura

1. Għall-finijiet tas-subintestaturi 7013 22, 7013 33, 7013 41 u 7013 91, l-espressjoni "kristall taċ-ċomb" tfisser biss ħġieġ b'kontenut minimu ta' monossidu taċ-ċomb (PbO) ta' 24 % skont il-piż.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
7001 00	**Tkissir u skart u skrapp ieħor tal-ħġieġ, eskluż il-ħġieġ mit-tubi katodiċi jew ħġieġ attivat ieħor tal-intestatura 8549; ħġieġ f'massa:**		
7001 00 10	– Tkissir u skart u skrapp ieħor tal-ħġieġ	Eżenti	—
	– Ħġieġ f'massa:		
7001 00 91	–– Ħġieġ ottiku	3	—
7001 00 99	–– Oħrajn	Eżenti	—
7002	**Ħġieġ f'boċċi (ħlief mikrosferi tal-intestatura 7018), vireg jew tubi, mhux maħdumin:**		
7002 10 00	– **Boċċi**	3	—
7002 20	– **Vireg:**		
7002 20 10	–– Tal-ħġieġ ottiku	3	—
7002 20 90	–– Oħrajn	3	—
	– **Tubi:**		
7002 31 00	–– **Tal-kwarz fuż jew ta' silika oħra fuża**	3	—
7002 32 00	–– **Ta' ħġieġ ieħor b'koeffiċjent lineari ta' espansjoni li ma jaqbiżx il- 5 × 10^{-6} kull Kelvin f'firxa ta' temperaturi minn 0 °C sa 300 °C**	3	—
7002 39 00	–– **Oħrajn**	3	—
7003	**Ħġieġ fondut u ħġieġ irroljat, f'folji jew profili, b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux riflettenti jew mingħajru, iżda mhux maħdum mod ieħor:**		
	– **Folji mhux armati:**		
7003 12	–– **Miżbugħ fil-massa kollha (bodytinted), opaċifikat, mifrux (flashed) jew b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux riflettenti:**		
7003 12 10	––– Tal-ħġieġ ottiku	3	m^2
	––– Oħrajn:		
7003 12 91	–––– B'saff mhux riflettenti	3	m^2
7003 12 99	–––– Oħrajn	3,8 MIN 0,6 €/ 100 kg/br	m^2
7003 19	–– **Oħrajn:**		
7003 19 10	––– Tal-ħġieġ ottiku	3	m^2
7003 19 90	––– Oħrajn	3,8 MIN 0,6 €/ 100 kg/br	m^2
7003 20 00	– **Folji armati**	3,8 MIN 0,4 €/ 100 kg/br	m^2

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
7003 30 00	– **Profili**	3	—
7004	**Ħġieġ miġbud u ħġieġ minfuħ, f'folji, b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux riflettenti jew mingħajru, iżda mhux maħdum mod ieħor:**		
7004 20	– **Ħġieġ miżbugħ fil-massa kollha (bodytinted), opaċifikat, mifrux (flashed) jew b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux riflettenti:**		
7004 20 10	–– Ħġieġ ottiku	3	m^2
	–– Oħrajn:		
7004 20 91	––– B'saff mhux riflettenti	3	m^2
7004 20 99	––– Oħrajn	4,4 MIN 0,4 €/ 100 kg/br	m^2
7004 90	– **Ħġieġ ieħor:**		
7004 90 10	–– Ħġieġ ottiku	3	m^2
7004 90 80	–– Oħrajn	4,4 MIN 0,4 €/ 100 kg/br	m^2
7005	**Float glass, u ħġieġ bil-wiċċ immattjat jew illustrat, f'folji, b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux riflettenti jew mingħajru, iżda mhux maħdum mod ieħor:**		
7005 10	– **Ħġieġ mhux armat, b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux riflettenti:**		
7005 10 05	–– B'saff mhux riflettenti	3	m^2
	–– Oħrajn, bi ħxuna:		
7005 10 25	––– Li ma taqbiżx it-3,5 mm	2	m^2
7005 10 30	––– Iktar minn 3,5 mm iżda li ma taqbiżx l-4,5 mm	2	m^2
7005 10 80	––– Iktar minn 4,5 mm	2	m^2
	– **Ħġieġ ieħor mhux armat:**		
7005 21	–– **Ħġieġ miżbugħ fil-massa kollha (bodytinted), opaċifikat, mifrux (flashed) jew bil-wiċċ ftit immattjat:**		
7005 21 25	––– Mhux eħxen minn 3,5 mm	2	m^2
7005 21 30	––– Eħxen minn 3,5 mm iżda mhux eħxen minn 4,5 mm	2	m^2
7005 21 80	––– Eħxen minn 4,5 mm	2	m^2
7005 29	–– **Oħrajn:**		
7005 29 25	––– Mhux eħxen minn 3,5 mm	2	m^2
7005 29 35	––– Eħxen minn 3,5 mm iżda mhux eħxen minn 4,5 mm	2	m^2
7005 29 80	––– Eħxen minn 4,5 mm	2	m^2
7005 30 00	– **Ħġieġ armat**	2	m^2

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
7006 00	**Ħġieġ tal-intestaturi 7003, 7004 jew 7005, mgħawweġ, bix-xfar maħdumin, imnaqqax, imtaqqab, żmaltat jew maħdum mod ieħor, iżda mhux bi gwarnič jew mgħammar b'materjali oħrajn:**		
7006 00 10	– Ħġieġ ottiku	3	—
7006 00 90	– Oħrajn	3	—
7007	**Ħġieġ tas-sikurezza, magħmul minn ħġieġ ittemprat jew illaminat:**		
	– **Ħġieġ tas-sikurezza ttemprat:**		
7007 11	–– **Ta' qies u forma tajbin biex jitqiegħed f'vetturi, f'inġenji tal-ajru, f'inġenji tal-ispazju jew f'bastimenti:**		
7007 11 10	––– Ta' qies u forma tajbin biex jitqiegħed f'vetturi bil-mutur	3	—
7007 11 90	––– Oħrajn	3	—
7007 19	–– **Oħrajn:**		
7007 19 10	––– Żmaltati	3	m^2
7007 19 20	––– Ikkulurit fil-massa kollha (bodytinted), opaċifikat, mifrux (flashed) jew b'saff assorbenti jew riflettenti	3	m^2
7007 19 80	––– Oħrajn	3	m^2
	– **Ħġieġ tas-sikurezza llaminat:**		
7007 21	–– **Ta' qies u forma tajbin biex jitqiegħed f'vetturi, f'inġenji tal-ajru, f'inġenji tal-ispazju jew f'bastimenti:**		
7007 21 20	––– Ta' qies u forma tajbin biex jitqiegħed f'vetturi bil-mutur	3	—
7007 21 80	––– Oħrajn	3	—
7007 29 00	–– **Oħrajn**	3	m^2
7008 00	**Unitajiet tal-ħġieġ b'ħitan multipli iżolanti:**		
7008 00 20	– Ikkulurit fil-massa kollha (bodytinted), opaċifikat, mifrux (flashed) jew b'saff assorbenti jew riflettenti	3	m^2
	– Oħrajn:		
7008 00 81	–– Magħmulin minn żewġ pannelli tal-ħġieġ issiġillat madwar ix-xfarijiet b'ġonta li minnha ma tgħaddix arja u separat b'saff arja, gassijiet oħrajn jew vakwu	3	m^2
7008 00 89	–– Oħrajn	3	m^2
7009	**Mirja tal-ħġieġ, bil-gwarnič jew le, inkluż mirja retroviżuri:**		
7009 10 00	– **Mirja retroviżuri għall-vetturi**	4	p/st
	– **Oħrajn:**		
7009 91 00	–– **Mingħajr gwarnič**	4	—
7009 92 00	–– **Bi gwarnič**	4	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
7010	**Damiġġani, fliexken, flasks, vażetti, borom, fjali, impulluzzi u kontenituri oħrajn, tal-ħġieġ, tat-tip użati għall-ġarr jew għall-ippakkjar tal-prodotti; vażetti tal-ħġieġ għall-ippreservar; tappijiet, għotien u sistemi oħra tal-għeluq, tal-ħġieġ:**		
7010 10 00	– **Impulluzzi**	3	p/st
7010 20 00	– **Tappijiet, għotien u sistemi oħra tal-għeluq**	5	—
7010 90	– **Oħrajn:**		
7010 90 10	–– Vażetti għall-ippreservar (vażetti għall-isterilizzar)	5	p/st
	–– Oħrajn:		
7010 90 21	––– Magħmulin minn tubi tal-ħġieġ	5	p/st
	––– Oħrajn, b'kapaċità nominali ta':		
7010 90 31	–––– 2,5 l jew iktar	5	p/st
	–––– Inqas minn 2,5 l:		
	––––– Għax-xarbiet u l-oġġetti tal-ikel:		
	–––––– Fliexken:		
	–––––––– Tal-ħġieġ mingħajr kulur, b'kapaċità nominali ta':		
7010 90 41	––––––––– 1 l jew iktar	5	p/st
7010 90 43	––––––––– Iktar minn 0,33 l iżda inqas minn 1 l	5	p/st
7010 90 45	––––––––– 0,15 l jew iktar iżda mhux iktar minn 0,33 l	5	p/st
7010 90 47	––––––––– Inqas minn 0,15 l	5	p/st
	–––––––– Tal-ħġieġ ikkulurit, b'kapaċità nominali ta':		
7010 90 51	––––––––– 1 l jew iktar	5	p/st
7010 90 53	––––––––– Iktar minn 0,33 l iżda inqas minn 1 l	5	p/st
7010 90 55	––––––––– 0,15 l jew iktar iżda mhux iktar minn 0,33 l	5	p/st
7010 90 57	––––––––– Inqas minn 0,15 l	5	p/st
	–––––– Oħrajn, b'kapaċità nominali ta':		
7010 90 61	–––––––– 0,25 l jew iktar	5	p/st
7010 90 67	–––––––– Inqas minn 0,25 l	5	p/st
	––––– Għall-prodotti farmaċewtiċi, b'kapaċità nominali ta':		
7010 90 71	–––––– Iktar minn 0,055 l	5	p/st
7010 90 79	–––––– Li ma taqbiżx iż-0,055 l	5	p/st
	––––– Għal prodotti oħrajn:		
7010 90 91	–––––– Ta' ħġieġ mingħajr kulur	5	p/st
7010 90 99	–––––– Ta' ħġieġ ikkulurit	5	p/st
7011	**Involukri tal-ħġieġ (inkluż bozoz u tubi), miftuħin, u l-komponenti tal-ħġieġ tagħhom, mingħajr fittings, għal lampi elettriċi u sorsi ta' dawl, tubi katodiċi jew oġġetti bħalhom:**		
7011 10 00	– **Għat-tidwil elettriku**	4	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
7011 20 00	– **Għat-tubi katodiċi**	4	—
7011 90 00	– **Oħrajn**	4	—
[7012]			
7013	**Oġġetti tal-ħġieġ tat-tip użat għall-mejda, fil-kċina, għat-twaletta, fl-uffiċċju, għat-tiżjin ta' ġewwa jew għal finijiet simili (għajr dawk tal-intestatura 7010 jew 7018):**		
7013 10 00	– **Taċ-ċeramika tal-ħġieġ**	11	p/st
	– **Tazzi tax-xorb bis-sieq, għajr dawk taċ-ċeramika tal-ħġieġ:**		
7013 22	–– **Tal-kristall taċ-ċomb:**		
7013 22 10	––– Miġbur manwalment	11	p/st
7013 22 90	––– Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
7013 28	–– **Oħrajn:**		
7013 28 10	––– Miġbur manwalment	11	p/st
7013 28 90	––– Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
	– **Tazzi tax-xorb oħrajn, għajr dawk taċ-ċeramika tal-ħġieġ:**		
7013 33	–– **Tal-kristall taċ-ċomb:**		
	––– Miġbur manwalment:		
7013 33 11	–––– Maqtugħ jew imżejjen mod ieħor	11	p/st
7013 33 19	–––– Oħrajn	11	p/st
	––– Miġbur b'mezzi mekkaniċi:		
7013 33 91	–––– Maqtugħ jew imżejjen mod ieħor	11	p/st
7013 33 99	–––– Oħrajn	11	p/st
7013 37	–– **Oħrajn:**		
7013 37 10	––– Tal-ħġieġ ittemprat	11	p/st
	––– Oħrajn:		
	–––– Miġbur manwalment:		
7013 37 51	––––– Maqtugħ jew imżejjen mod ieħor	11	p/st
7013 37 59	––––– Oħrajn	11	p/st
	–––– Miġbur b'mezzi mekkaniċi:		
7013 37 91	––––– Maqtugħ jew imżejjen mod ieħor	11	p/st
7013 37 99	––––– Oħrajn	11	p/st
	– **Oġġetti tal-ħġieġ tat-tip użati għal fuq il-mejda (għajr it-tazzi tax-xorb) jew għall-kċina, għajr dawk taċ-ċeramika tal-ħġieġ:**		
7013 41	–– **Tal-kristall taċ-ċomb:**		
7013 41 10	––– Miġbur manwalment	11	p/st

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
7013 41 90	– – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
7013 42 00	– – **Ta' ħġieġ b'koeffiċjent lineari ta' espansjoni li ma jaqbiżx il-5 × 10^{-6} kull Kelvin f'firxa ta' temperaturi minn 0 °C sa 300 °C**	11	p/st
7013 49	– – **Oħrajn:**		
7013 49 10	– – – Tal-ħġieġ ittemprat	11	p/st
	– – – Oħrajn:		
7013 49 91	– – – – Miġbur manwalment	11	p/st
7013 49 99	– – – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
	– **Oġġetti oħrajn tal-ħġieġ:**		
7013 91	– – **Tal-kristall taċ-ċomb:**		
7013 91 10	– – – Miġbur manwalment	11	p/st
7013 91 90	– – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
7013 99 00	– – **Oħrajn**	11	p/st
7014 00 00	**Oġġetti tal-ħġieġ għas-sinjalar u elementi ottiċi tal-ħġieġ (għajr dawk tal-intestatura 7015), mhux maħdumin ottikament**	3	—
7015	**Ħġieġ tal-arloġġi jew tal-arloġġi tal-idejn u ħġieġ simili, ħġieġ għan-nuċċalijiet mhux-korrettivi jew korrettivi, ikkurvati, mgħawġin, imħaffrin jew bħalhom, mhux maħdumin ottikament; sferi tal-ħġieġ imħaffrin u segmenti tagħhom, għall-manifattura ta' dal-ħġieġ:**		
7015 10 00	– **Ħġieġ għal nuċċalijiet korrettivi**	3	—
7015 90 00	– **Oħrajn**	3	—
7016	**Blokok, ċangaturi, briks, kwadri, madum u oġġetti oħrajn għall-pavimentar tal-ħġieġ ippressat jew tal-forma, armat jew le, tat-tip użat għall-finijiet ta' bini jew tal-kostruzzjoni; kubi tal-ħġieġ u oġġetti żgħar oħrajn tal-ħġieġ, b'rifda jew mingħajrha, għall-mużajki jew għal finijiet dekorattivi simili; dwal biċ-ċomb jew bħalhom; ħġieġ multiċellulari jew fowm fi blokok, pannelli, pjanċi, qxur jew forom simili:**		
7016 10 00	– **Kubi tal-ħġieġ u oġġetti żgħar oħrajn tal-ħġieġ, b'rifda jew mingħajrha, għal mużajki jew finijiet dekorattivi simili**	8	—
7016 90	– **Oħrajn:**		
7016 90 10	– – Dwal biċ-ċomb jew bħalhom	3	m^2
7016 90 40	– – Blokok u briks, tat-tip li jintużaw għall-finijiet tal-bini jew tal-kostruzzjoni	3 MIN 1,2 €/ 100 kg/br	—
7016 90 70	– – Oħrajn	3 MIN 1,2 €/ 100 kg/br	—
7017	**Oġġetti tal-ħġieġ għal-laboratorju jew għal finijiet iġjeniċi jew farmaċewtiċi, immarkati bil-qisien jew ikkalibrati:**		
7017 10 00	– **Tal-kwarz fuż jew ta' silika oħra fuża**	3	—
7017 20 00	– **Ta' ħġieġ ieħor b'koeffiċjent lineari ta' espansjoni li ma jaqbiżx il-5 × 10^{-6} kull Kelvin f'firxa ta' temperaturi minn 0 °C sa 300 °C**	3	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
7017 90 00	– **Oħrajn**	3	—
7018	**Żibeġ tal-ħġieġ, perli artifiċjali, ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż artifiċjali u oġġetti żgħar tal-ħġieġ simili, u oġġetti magħmula minnu għajr bijotterija; għajnejn tal-ħġieġ għajr oġġetti prostetiċi; statwetti u ornamenti oħrajn tal-ħġieġ illampjat, għajr bijotterija; mikrosferi tal-ħġieġ b'dijametru li ma jaqbiżx il-1 mm:**		
7018 10	– **Żibeġ tal-ħġieġ, perli artifiċjali, ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż artifiċjali u oġġetti żgħar tal-ħġieġ simili:**		
	–– Żibeġ tal-ħġieġ:		
7018 10 11	––– Maqtugħin u illustrati b'mezzi mekkaniċi	Eżenti	—
7018 10 19	––– Oħrajn	7	—
7018 10 30	–– Perli artifiċjali	Eżenti	—
	–– Ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż artifiċjali:		
7018 10 51	––– Maqtugħin u illustrati b'mezzi mekkaniċi	Eżenti	—
7018 10 59	––– Oħrajn	3	—
7018 10 90	–– Oħrajn	3 (1)	—
7018 20 00	– **Mikrosferi tal-ħġieġ b'dijametru li ma jaqbiżx il-1 mm**	3	—
7018 90	– **Oħrajn:**		
7018 90 10	–– Għajnejn tal-ħġieġ; oġġetti żgħar tal-ħġieġ	3	—
7018 90 90	–– Oħrajn	6	—
7019	**Fibri tal-ħġieġ (inkluż suf tal-ħġieġ) u oġġetti magħmula minnhom (eż. raden, rovings, fibri minsuġin):**		
	– **Biċċiet żgħar, rovings, raden u trofof imqattgħin u mats magħmula minnhom:**		
7019 11 00	–– **Trofof imqattgħin, mhux itwal minn 50 mm**	7	—
7019 12 00	–– **Rovings**	7	—
7019 13 00	–– **Raden, biċċiet żgħar oħrajn**	7	—
7019 14 00	–– **Mats magħqudin b'mod mekkaniku**	7	—
7019 15 00	–– **Mats magħqudin b'mod kimiku**	7	—
7019 19 00	–– **Oħrajn**	7	—
	– **Drappijiet magħqudin b'mod mekkaniku:**		
7019 61 00	–– **Drappijiet b'malja magħluqa minsuġin mir-rovings**	7	—
7019 62	–– **Drappijiet oħra b'malja magħluqa minsuġin mir-rovings:**		
7019 62 10	––– Skart u fdalijiet	5	—
7019 62 90	––– Oħrajn	5	—
7019 63 00	–– **Drappijiet b'malja magħluqa, nisġa tax-xoqqa, tar-raden mhux miksijin jew laminati**	7	—
7019 64 00	–– **Drappijiet b'malja magħluqa, nisġa tax-xoqqa, tar-raden miksijin jew laminati**	7	—

(1) Kwota tariffarja tad-WTO.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
7019 65 00	–– **Drappijiet b'malja miftuħa ta' wisa' li ma jaqbiżx it-30 cm**	7	—
7019 66 00	–– **Drappijiet b'malja miftuħa ta' wisa' li jaqbeż it-30 cm**	7	—
7019 69	–– **Oħrajn:**		
7019 69 10	––– Drappijiet meħjuta u drappijiet bil-labra	5	—
7019 69 90	––– Oħrajn	7	—
	– **Drappijiet magħqudin b'mod kimiku:**		
7019 71 00	–– **Voiles (folji rqaq)**	5	—
7019 72 00	–– **Drappijiet oħra b'malja magħluqa**	5	—
7019 73 00	–– **Drappijiet oħra b'malja miftuħa**	5	—
7019 80	– **Suf tal-ħġieġ u oġġetti tas-suf tal-ħġieġ:**		
7019 80 10	–– Boards, saqqijiet u prodotti simili	5	—
7019 80 90	–– Oħrajn	7	—
7019 90 00	– **Oħrajn**	7	—
7020 00	**Oġġetti oħrajn tal-ħġieġ:**		
7020 00 05	– Tubi u holders ta' reatturi tal-kwarz maħsubin għad-dħul fi fran tad- diffużjoni u tal-ossidazzjoni għall-produzzjoni ta' materjali semikondutturi	Eżenti	—
	– Ampulli tal-ħġieġ għal vacuum flasks jew għal reċipjenti oħrajn b'vakwu:		
7020 00 07	–– Mhux irfinuti	3	—
7020 00 08	–– Irfinuti	6	—
	– Oħrajn:		
7020 00 10	–– Tal-kwarz fuż jew ta' silika oħra fuża	3	—
7020 00 30	–– Ta' ħġieġ b'koeffiċjent lineari ta' espansjoni li ma jaqbiżx il-5×10^{-6} kull Kelvin f'firxa ta' temperaturi minn 0 °C sa 300 °C	3	—
7020 00 80	–– Oħrajn	3	—

TAQSIMA XIV

PERLI NATURALI JEW KULTIVATI, ĦAĠAR PREZZJUŻ JEW SEMIPREZZJUŻ, METALLI PREZZJUŻI, METALLI MLIBBSA B'METALL PREZZJUŻ, U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNHOM, BIĠOTTERIJA; MUNITI

KAPITOLU 71

PERLI NATURALI JEW IKKULTIVATI, ĦAĠAR PREZZJUŻ JEW SEMIPREZZJUŻ, METALLI PREZZJUŻI, METALLI MLIBBSA B'METALL PREZZJUŻ, U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNHOM; BIĠOTTERIJA; MUNITI

Noti

1. Soġġett għan-nota 1(A) tat-Taqsima VI u ħlief kif stipulat hawn taħt, l-oġġetti kollha magħmulin kompletament jew parzjalment:

   (a) minn perli naturali jew ikkultivati jew minn ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostrutt), jew

   (b) minn metall prezzjuż jew minn metall imlibbes b'metall prezzjuż,

   għandhom ikunu kklassifikati f'dan il-kapitolu.

2. (A) L-intestaturi 7113, 7114 u 7115 ma jkoprux oġġetti li fihom metall prezzjuż jew metall imlibbes b'metall prezzjuż jinsab bħala kostitwenti minuri biss, bħal fittings minuri jew tiżjin minuri (eż. monogrammi, vajlori u rimmijiet), u l-paragrafu (b) tan-nota ta' qabel din ma japplikax għal dawn l-oġġetti.

   (B) L-intestatura 7116 ma tkoprix oġġetti li fihom metall prezzjuż jew metall imlibbes b'metall prezzjuż (għajr bħala kostitwenti minuri).

3. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

   (a) amalgami ta' metall prezzjuż, jew metall prezzjuż kollojdali (intestatura 2843);

   (b) materjali sterili ta' ħjata kirurġika, mili tas-snien jew oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 30;

   (c) oġġetti tal-Kapitolu 32 (eż. lostri);

   (d) katalizzaturi appoġġati (intestatura 3815);

   (e) oġġetti tal-intestatura 4202 jew 4203 imsemmijin fin-nota 3(B) tal-Kapitolu 42;

   (f) oġġetti tal-intestatura 4303 jew 4304;

   (g) oġġetti tat-Taqsima XI (tessuti u oġġetti tessili);

   (h) xedd is-saqajn, xedd ir-ras u oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 64 jew 65;

   (ij) umbrelel, bsaten għall-mixi u oġġetti oħrajn tal-Kapitolu 66;

(k) oġġetti abrażivi tal-intestatura 6804 jew 6805 jew tal-Kapitolu 82, li fihom trab jew trab fin ta' ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż (naturali jew sintetiċi); oġġetti tal-Kapitolu 82 b'parti operattiva magħmula minn ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż (naturali, sintetiku jew rikostrutt); makkinarju, apparat mekkaniku jew oġġetti elettriċi, jew parts tagħhom, tat-Taqsima XVI. Madankollu, oġġetti u parts tagħhom, kompletament ta' ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż (naturali, sintetiku jew rikostrutt) jibqgħu kklassifikati f'dan il-kapitolu, ħlief żaffiri u djamanti maħdumin mhux immuntati għal styluses (intestatura 8522);

(l) oġġetti tal-Kapitolu 90, 91 jew 92 (strumenti xjentifiċi, arloġġi u arloġġi tal-idejn, strumenti mużikali);

(m) armi jew parts tagħhom (Kapitolu 93);

(n) oġġetti koperti bin-nota 2 tal-Kapitolu 95;

(o) oġġetti kklassifikati fil-Kapitolu 96 minħabba n-nota 4 ta' dak il-kapitolu; jew

(p) skulturi jew statwarji oriġinali (intestatura 9703), biċċiet tal-kollezzjoni (intestatura 9705) jew antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena (intestatura 9706), għajr perli naturali jew ikkultivati jew ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż.

4. (A) L-espressjoni "metall prezzjuż" tfisser fidda, deheb u platinu.

(B) L-espressjoni "platinu" tfisser platinu, iridju, osmju, palladju, rodju u rutenju.

(C) L-espressjoni "ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż" ma tinkludi l-ebda sustanza speċifikata fin-nota 2(b) tal-Kapitolu 96.

5. Għall-finijiet ta' dan il-kapitolu, kwalunkwe liga (inkluż taħlita sinterizzata u kompost intermetalliku) li fiha metall prezzjuż għandha tkun ittrattata bħala liga ta' metall prezzjuż jekk kwalunkwe wieħed mill-metalli prezzjużi jikkostitwixxi sa 2 %, skont il-piż, tal-liga. Il-ligi ta' metall prezzjuż għandhom ikunu kklassifikati skont dawn ir-regoli li ġejjin:

(a) Liga li 2 % jew iżjed tal-piż tagħha huwa magħmul mill-platinu għandha titqies bħala liga ta' platinu.

(b) Liga li 2 % jew iżjed tal-piż tagħha huwa magħmul mid-deheb iżda mingħajr platinu, jew li inqas minn 2 % tal-piż tagħha magħmul mill-platinu, għandha titqies bħala liga tad-deheb.

(c) Ligi oħrajn li 2 % jew iżjed tal-piż tagħhom huwa magħmul mill-fidda għandhom jitqiesu bħala ligi tal-fidda.

6. Ħlief fejn il-kuntest jitlob mod ieħor, kwalunkwe referenza fin-nomenklatura għal metall prezzjuż jew għal xi metall prezzjuż partikulari tinkludi referenza għal-ligi ttrattati bħala ligi tal-metall prezzjuż jew tal-metall partikulari skont ir-regoli fin-nota 5 fuq, iżda mhux għal metall imlibbes b'metall prezzjuż jew għal metall komuni jew nonmetalli maħsula b'metall prezzjuż.

7. Fin-nomenklatura, l-espressjoni "metall imlibbes b'metall prezzjuż" tfisser materjal magħmul minn bażi tal-metall li fuq superfiċje wieħed jew iktar tiegħu titwaħħal kisja ta' metall prezzjuż permezz tal-issaldjar, tal-ibbrejżjar, tal-iwweldjar, tal-laminazzjoni fissħana jew ta' mezzi mekkaniċi simili. Ħlief fejn il-kuntest jesiġi mod ieħor, l-espressjoni tkopri wkoll metall komuni interzjat b'metall prezzjuż.

8. Soġġett għan-nota 1(A) tat-Taqsima VI, oġġetti li jikkorrispondu mad-deskrizzjoni fl-intestatura 7112 għandhom ikunu kklassifikati f'dik l-intestatura u f'ebda intestatura oħra tan-nomenklatura.

9. Għall-finijiet tal-intestatura 7113, l-espressjoni "oġġetti ta' ġojjellerija" tfisser:

(a) kwalunkwe oġġett żgħir ta' ornament personali (eż. ċrieket, brazzuletti, ġiżirajjen, labar (brooches), imsielet, ċineg tal-arloġġi tal-idejn, ktajjen u ornamenti ta' arloġġi tal-but, pendenti, labar għall-ingravata, buttuni tal-pulzieri, buttuni tal-ilbies (dress-studs), medalji reliġjużi jew oħrajn u insinja); u

(b) oġġetti ta' użu personali tat-tip li normalment jinġarru fil-but, fil-handbag jew fuq il-persuna (eż. cases tas-sigarri jew sigaretti, kaxex għat-tabakk tal-imnieħer, kaxex għall-ħelu jew għall-pilloli, kaxex tat-terra, portmonijiet bil-katina jew kuruni tar-rużarju).

Dawn l-oġġetti jistgħu jkunu kkombinati ma' li ġejjin jew imżejnin bihom: eż. perli naturali jew ikkultivati, ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż, ħaġar sintetiku jew rikostrutt, prezzjuż jew semiprezzjuż, qoxra tal-fekruna, madre perla, avorju, ambra naturali jew rikostitwita, ġett jew korall.

10. Għall-finijiet tal-intestatura 7114, l-espressjoni "oġġetti ta' arġentiera" jew "oġġetti ta' min jaħdem il-fidda" tinkludi oġġetti bħal ornamenti, oġġetti tal-mejda, oġġetti tat-twaletta, oġġetti tat-tipjip u oġġetti oħrajn għall-użu tad-dar, tal-uffiċċju jew għall-użu reliġjuż.

11. Għall-finijiet tal-intestatura 7117, l-espressjoni "bigotterija" tfisser oġġetti tal-ġojjellerija fis-sens tal-paragrafu (a) tan-nota 9 hawn fuq (iżda ma tinkludix buttuni jew oġġetti oħrajn tal-intestatura 9606, jew moxtijiet tax-xagħar, klipps tax-xagħar jew bħalhom, jew furfiċetti, tal-intestatura 9615), ma fihomx perli naturali jew ikkultivati, ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostrutt) u lanqas (ħlief bħala kisi jew kostitwenti minuri) metall prezzjuż jew metall imlibbes b'metall prezzjuż.

Noti tas-subintestaturi

1. Għall-finijiet tas-subintestaturi 7106 10, 7108 11, 7110 11, 7110 21, 7110 31 u 7110 41, l-espressjonijiet "trab" u "f'għamla ta' trab" jfissru prodotti li minnhom 90 % jew iktar skont il-piż jgħaddi minn għarbiel b'apertura tax-xibka ta' 0,5 mm.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tan-nota 4(B) tal-kapitolu, għall-finijiet tas-subintestaturi 7110 11 u 7110 19, l-espressjoni "platinu" ma tinkludix iridju, osmju, palladju, rodju jew rutenju.

3. Għall-klassifikazzjoni tal-ligi fis-subintestaturi tal-intestatura 7110, kull liga għandha tkun ikklassifikata ma' dak il-metall, platinu, palladju, rodju, iridju, osmju jew rutenju li jippredomina skont il-piż fuq kull wieħed minn dawn il-metalli.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
	I. PERLI NATURALI JEW IKKULTIVATI U ĦAĠAR PREZZJUŻ JEW SEMIPREZZJUŻ		
7101	**Perli, naturali jew ikkultivati, kemm jekk maħdumin jew le inkella ggradati iżda mhux midmumin, immuntati jew ingastati; perli, naturali jew ikkultivati, midmumin temporanjament għall-konvenjenza waqt it-trasport:**		
7101 10 00	– **Perli naturali**	Eżenti	g
	– **Perli ikkultivati:**		
7101 21 00	–– **Mhux maħdumin**	Eżenti	g
7101 22 00	–– **Maħdumin**	Eżenti	g
7102	**Djamanti, maħdumin jew le, iżda mhux immuntati jew ingastati:**		
7102 10 00	– **Mhux magħżulin**	Eżenti	c/k
	– **Industrijali:**		
7102 21 00	–– **Mhux maħdumin jew sempliċiment issegati, imħarrqa jew maqtugħin**	Eżenti	c/k
7102 29 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	c/k

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
	– **Mhux industrijali:**		
7102 31 00	–– **Mhux maħdumin jew sempliċiment issegati, imħarrqa jew maqtugħin**	Eżenti	c/k
7102 39 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	c/k
7103	**Ħaġar prezzjuż (għajr djamanti) u ħaġar semiprezzjuż, maħdum jew iggradat jew le iżda mhux midmum, immuntat jew ingastat; ħaġar prezzjuż mhux iggradat (għajr djamanti) u ħaġar semiprezzjuż, midmum temporanjament għal konvenjenza fil-ġarr:**		
7103 10 00	– **Mhux maħdumin jew sempliċiment issegati jew iffurmati raffi**	Eżenti	—
	– **Maħdumin mod ieħor:**		
7103 91 00	–– **Rubini, żaffiri u żmeraldi**	Eżenti	g
7103 99 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	g
7104	**Ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż artifiċjali jew rikostrutt, maħdum jew iggradat jew le iżda mhux midmum, immuntat jew ingastat; ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż artifiċjali jew rikostrutt mhux iggradat, midmum temporanjament għal konvenjenza fil-ġarr:**		
7104 10 00	– **Kwarzu pjeżoelettriku**	Eżenti	g
	– **Oħrajn, mhux maħdumin jew sempliċiment issegati jew iffurmati raffi:**		
7104 21 00	–– **Djamanti**	Eżenti	g
7104 29 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	g
	– **Oħrajn:**		
7104 91 00	–– **Djamanti**	Eżenti	g
7104 99 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	g
7105	**Għabra u trab ta' ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż naturali jew artifiċjali:**		
7105 10 00	– **Tad-djamanti**	Eżenti	g
7105 90 00	– **Oħrajn**	Eżenti	g
	II. METALLI PREZZJUŻI U METALLI MLIBBSIN B'METALL PREZZJUŻ		
7106	**Fidda (inkluż fidda maħsula bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semimanifatturati, jew f'għamla ta' trab:**		
7106 10 00	– **Trab**	Eżenti	g
	– **Oħrajn:**		
7106 91 00	–– **Mhux maħdumin**	Eżenti	g
7106 92 00	–– **Semimanifatturati**	Eżenti	g
7107 00 00	**Metalli komuni imlibbsa bil-fidda, mhux maħdumin iktar ħlief semimanifatturati**	Eżenti	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
7108	**Deheb (inkluż deheb maħsul bi platinu), mhux maħdum jew f'għamla semimanifatturata, jew f'għamla ta' trab:**		
	– **Mhux monetarju:**		
7108 11 00	–– **Trab**	Eżenti	g
7108 12 00	–– **Għamliet oħrajn mhux maħdumin**	Eżenti	g
7108 13	–– **Għamliet oħrajn semimanifatturati:**		
7108 13 10	––– Żbarri, vireg, wajer u sezzjonijiet; pjanċi; folji u strixxi ta' ħxuna, eskluża kwalunkwe rifda, li taqbeż il-0,15-il mm	Eżenti	g
7108 13 80	––– Oħrajn	Eżenti	g
7108 20 00	– **Monetarju**	Eżenti	g
7109 00 00	**Metalli komuni jew fidda, imlibbsin bid-deheb, mhux maħdumin iktar ħlief semimanifatturati**	Eżenti	—
7110	**Platinu, f'għamliet mhux maħdumin jew semimanifatturati, jew f'għamla ta' trab:**		
	– **Platinu:**		
7110 11 00	–– **Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab**	Eżenti	g
7110 19	–– **Oħrajn:**		
7110 19 10	––– Żbarri, vireg, wajer u sezzjonijiet; pjanċi; folji u strixxi ta' ħxuna, eskluża kwalunkwe rifda, li taqbeż il-0,15-il mm	Eżenti	g
7110 19 80	––– Oħrajn	Eżenti	g
	– **Palladju:**		
7110 21 00	–– **Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab**	Eżenti	g
7110 29 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	g
	– **Rodju:**		
7110 31 00	–– **Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab**	Eżenti	g
7110 39 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	g
	– **Iridju, osmju u rutenju:**		
7110 41 00	–– **Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab**	Eżenti	g
7110 49 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	g
7111 00 00	**Metalli komuni, fidda jew deheb, imlibbsin bil-platinu, mhux maħdumin iktar ħlief semimanifatturati**	Eżenti	—
7112	**Skart u skrapp ta' metall prezzjuż jew ta' metall imlibbes b'metall prezzjuż; skart u skrapp ieħor li fih metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, li prinċipalment jintużaw għall-irkupru tal-metall prezzjuż għajr l-oġġetti tal-intestatura 8549:**		
7112 30 00	– **Irmied li fih metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż**	Eżenti	—
	– **Oħrajn:**		
7112 91 00	–– **Tad-deheb, inkluż metall imlibbes bid-deheb iżda ħlief ġbir mill-knis li fihom metalli prezzjużi oħrajn**	Eżenti	—
7112 92 00	–– **Tal-platinu, inkluż metall imlibbes bi platinu iżda ħlief ġbir mill-knis li fihom metalli prezzjużi oħrajn**	Eżenti	—
7112 99 00	–– **Oħrajn**	Eżenti	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
	III. ĠOJJELLERIJA, OĠĠETTI TAL-ARĠENTIERA U TA' MIN JAĦDEM IL-FIDDA U OĠĠETTI OĦRAJN		
7113	**Oġġetti ta' ġojjellerija u parts tagħhom, ta' metall prezzjuż jew ta' metall imlibbes b'metall prezzjuż:**		
	– Ta' metall prezzjuż maħsul jew imlibbes jew le b'metall prezzjuż:		
7113 11 00	–– **Tal-fidda, maħsula jew imlibbsa jew le b'metall ieħor prezzjuż**	2,5	g
7113 19 00	–– **Ta' metall ieħor prezzjuż, maħsul jew imlibbes jew le b'metall prezzjuż**	2,5	g
7113 20 00	– **Ta' metall komuni imlibbes b'metall prezzjuż**	4	—
7114	**Oġġetti tal-arġentiera jew ta' min jaħdem il-fidda u parts tagħhom, ta' metall prezzjuż jew ta' metall imlibbes b'metall prezzjuż:**		
	– Ta' metall prezzjuż maħsul jew imlibbes jew le b'metall prezzjuż:		
7114 11 00	–– **Tal-fidda, maħsula jew imlibbsa jew le b'metall ieħor prezzjuż**	2	g
7114 19 00	–– **Ta' metall ieħor prezzjuż, maħsul jew imlibbes jew le b'metall prezzjuż**	2	g
7114 20 00	– **Ta' metall komuni imlibbes b'metall prezzjuż**	2	—
7115	**Oġġetti oħrajn ta' metall prezzjuż jew ta' metall imlibbes b'metall prezzjuż:**		
7115 10 00	– **Katalizzaturi f'għamla ta' drapp tal-wajer jew grilja, tal-platinu**	Eżenti	—
7115 90 00	– **Oħrajn**	3	—
7116	**Oġġetti tal-perli naturali jew ikkultivati, ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostrutt):**		
7116 10 00	– **Tal-perli naturali jew ikkultivati**	Eżenti	g
7116 20	– **Ta' ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostrutt):**		
7116 20 11	–– Ġiżirajjen, brazzuletti u oġġetti oħrajn magħmula kompletament minn ħaġar naturali prezzjuż jew semiprezzjuż, sempliċiment midmumin mingħajr molol jew aċċessorji oħrajn	Eżenti	g
7116 20 80	–– Oħrajn	2,5	g
7117	**Biġotterija:**		
	– Ta' metall komuni, maħsul jew le b'metall prezzjuż:		
7117 11 00	–– **Buttuni tal-pulzieri u buttuni (studs)**	4	—
7117 19 00	–– **Oħrajn**	4	—
7117 90 00	– **Oħrajn**	4	—
7118	**Muniti:**		
7118 10 00	– **Muniti (għajr muniti tad-deheb), li mhumiex valuta legali**	Eżenti	g
7118 90 00	– **Oħrajn**	Eżenti	g

TAQSIMA XV

METALLI KOMUNI U OĠĠETTI MAGĦMULA MINN METALLI KOMUNI

Noti

1. Din it-taqsima ma tkoprix:

   (a) żebgħa, linka jew prodotti oħrajn ippreparati b'bażi ta' trab jew fjokki metalliċi (intestaturi 3207 sa 3210, 3212, 3213 jew 3215);

   (b) ferroċerju jew ligi piroforiċi oħrajn (intestatura 3606);

   (c) xedd ir-ras jew parts tiegħu tal-intestatura 6506 jew 6507;

   (d) oqfsa ta' umbrelel jew oġġetti oħrajn tal-intestatura 6603;

   (e) oġġetti tal-Kapitolu 71 (eż. ligi ta' metalli prezzjużi, metall komuni mlibbes b'metall prezzjuż, biġotterija);

   (f) oġġetti tat-Taqsima XVI (makkinarju, apparati mekkaniċi u oġġetti elettriċi);

   (g) binarji assemblati tal-linji ferrovjarji jew tat-tramm (intestatura 8608) jew oġġetti oħrajn tat-taqsima XVII (vetturi, bastimenti u dgħajjes, inġenji tal-ajru);

   (h) strumenti jew apparat tat-taqsima XVIII, inkluż molol għall-arloġġi u għall-arloġġi tal-idejn;

   (ij) ċomb tas-snieter ippreparat għall-munizzjon (intestatura 9306) jew oġġetti oħrajn tat-taqsima XIX (armi u munizzjon);

   (k) oġġetti tal-Kapitolu 94 (eż. għamara, irfid għas-saqqijiet, luminarji u fittings tat-tidwil, sinjali mdawlin, bini prefabbrikat);

   (l) oġġetti tal-Kapitolu 95 (eż. ġugarelli, logħob, oġġetti għall-isports);

   (m) passaturi tal-idejn, buttuni, pinen, holders tal-lapsijiet, ponot tal-pinen, monopodi, bipodi, tripodi u oġġetti simili jew oġġetti oħra tal-Kapitolu 96 (oġġetti mmanifatturati mixxellanji); jew

   (n) oġġetti tal-Kapitolu 97 (eż. xogħlijiet tal-arti).

2. Fin-nomenklatura, l-espressjoni "parts għal użu ġenerali" tfisser:

   (a) oġġetti tal-intestatura 7307, 7312, 7315, 7317 jew 7318 u oġġetti simili ta' metall komuni, għajr l-oġġetti speċjalment imfassla għall-użu esklużivament fl-impjanti fix-xjenza medika, kirurġika, dentali jew veterinarja (l-intestatura 9021);

   (b) molol u strixxi ta' molol, ta' metall komuni, għajr il-molol għall-arloġġi jew għall-arloġġi tal-idejn (intestatura 9114); u

   (c) oġġetti tal-intestaturi 8301, 8302, 8308, 8310 u gwarniċi u mirja, ta' metall komuni, tal-intestatura 8306.

   Fil-Kapitoli 73 sa 76 u 78 sa 82 (iżda mhux fl-intestatura 7315), referenzi għal parts ta' oġġetti ma jinkludux referenzi għal parts ta' użu ġenerali kif definit hawn fuq.

Suġġett għall-paragrafu preċedenti u għan-nota 1 tal-Kapitolu 83, l-oġġetti tal-Kapitolu 82 jew 83 huma esklużi mill-Kapitolu 72 sa 76 u 78 sa 81.

3. Fin-nomenklatura, l-espressjoni "metalli komuni" tfisser ħadid u azzar, ram, nikil, aluminju, ċomb, żingu, landa, tungstenu (wolfram), molibdenu, tantalju, manjeżju, kobalt, bismut, kadmju, titanju, żirkonju, antimonju, manganiż, berillju, kromju, ġermanju, vanadju, gallju, afnju, indju, nijobju (kolombju), renju u tallju.

4. Fin-nomenklatura, l-espressjoni "ċermiti" tfisser prodotti li fihom kombinament eteroġeniku mikroskopiku ta' komponent metalliku u komponent ċeramiku. It-terminu "ċermiti" jinkludi karburi ta' metall sinterizzati (karburi ta' metall sinterizzati ma' metall).

5. Klassifikazzjoni ta' ligi (għajr il-ligi tal-ħadid u l-ligi prinċipali kif definiti fil-Kapitoli 72 u 74):

   (a) Liga ta' metalli komuni għandha tkun ikklassifikata bħala liga tal-metall li jippredomina skont il-piż fuq kull wieħed mill-metalli l-oħrajn.

   (b) Liga magħmula minn metalli komuni ta' din it-taqsima u minn elementi li ma jaqgħux f'din it-taqsima għandha titqies bħala liga ta' metalli komuni ta' din it-taqsima jekk il-piż totali ta' dawn il-metalli huwa daqs jew ikbar mill-piż totali tal-elementi l-oħrajn preżenti.

   (c) F'din it-taqsima, it-terminu "ligi" jinkludi taħlitiet sinterizzati ta' trabijiet ta' metall, taħlitiet eteroġeniċi intimi magħmula bit-tidwib (għajr iċ-ċermiti) u komposti intermetalliċi.

6. Sakemm il-kuntest ma jesiġix mod ieħor, kwalunkwe referenza fin-nomenklatura għal metall komuni tinkludi referenza għal ligi li, permezz tan-nota 5 hawn fuq, għandhom ikunu kklassifikati bħala ligi ta' dak il-metall.

7. Klassifikazzjoni ta' oġġetti komposti:

   Ħlief fejn l-intestaturi jesiġu mod ieħor, oġġetti ta' metall komuni (inklużi oġġetti ta' metalli mħalltin ittrattati bħala oġġetti ta' metall komuni taħt ir-regoli interpretattivi ġenerali) li fihom żewġ metalli komuni jew iktar għandhom jitqiesu bħala oġġetti tal-metall komuni li jippredomina skont il-piż fuq kull wieħed mill-metalli l-oħrajn.

   Għal dan il-għan:

   (a) Ħadid u azzar, jew kwalitajiet differenti ta' ħadid jew azzar, jitqiesu bħala wieħed u bħala l-istess metall.

   (b) Liga titqies li hija kompletament magħmula minn dak il-metall li hija kklassifikata bħala liga tiegħu, skont in-nota 5.

   (c) Ċermit tal-intestatura 8113 jitqies bħala metall wieħed komuni.

8. F'din it-taqsima, dawn l-espressjonijiet li ġejjin għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

   (a) skart u skrapp

      (1) l-iskart u l-iskrapp kollu tal-metall;

      (2) oġġetti tal-metall li żgur mhux tajbin għall-użu kif inhuma minħabba li jkunu nkisru, inqatgħu, tkagħbru bl-użu jew għal raġunijiet oħrajn

   (b) Trabijiet

      Prodotti li minnhom 90 % jew iktar skont il-piż jgħaddi minn passatur b'apertura tax-xibka ta' 1 mm.

9. Għall-finijiet tal-Kapitoli 74 sa 76 u 78 sa 81, l-espressjonijiet li ġejjin għandu jkollhom it-tifsira li qed tingħatalhom hawn taħt:

(a) Żbarri u vireg

Prodotti laminati, estrużi, miġbudin jew mikwijin fil-forġa, mhux f'koljaturi, li għandhom sezzjoni trasversali solida uniformi matulhom kollha f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari (inkluż "ċrieki ċċattjati" u "rettangoli modifikati", li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, iż-żewġt iġnub l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli). Prodotti b'sezzjoni trasversali rettangolari (inkluż kwadra), trijangulari jew poligonali jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati mat-tul kollu tagħhom. Il-ħxuna ta' dawn il-prodotti li għandhom sezzjoni trasversali rettangolari (inkluż "rettangolari modifikat") taqbeż għaxra fil-mija tal-wisa'. L-espressjoni tkopri wkoll prodotti fonduti jew sinterizzati, tal-istess forom u qisien, li nħadmu iktar wara l-produzzjoni (ħlief b'sempliċiment tberfil jew tneħħija tal-ġebla), sakemm b'hekk huma ma assumewx il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' intestaturi oħrajn.

Vireg tal-wajer sħaħ u qatgħat taz-zkuk tal-Kapitolu 74 bit-trufijiet tagħhom ġejjin għal ponta jew maħdumin mod ieħor sempliċiment biex iħaffu d-dħul tagħhom fil-magni biex jikkonvertuhom, eż. fi drawing stock (virga tal-wajer) jew f'tubi, madankollu għandhom jitqiesu bħala ram mhux maħdum tal-intestatura 7403. Din id-dispożizzjoni tapplika *mutatis mutandis* għall-prodotti tal-Kapitolu 81.

(b) Profili

Prodotti llaminati, estrużi, miġbudin jew mikwijin fil-forġa jew iffurmati, f'koljaturi jew le, b'sezzjoni trasversali uniformi mat-tul kollu tagħhom, li ma humiex konformi mal-ebda definizzjoni ta' żbarri, vireg, wajer, pjanċi, folji, strixxi, fojl, tubi u pajpijiet. L-espressjoni tkopri wkoll prodotti fonduti jew sinterizzati, tal-istess forom, li kienu mbagħad maħdumin wara l-produzzjoni (mod ieħor ħlief b'sempliċiment tberfil jew bit-tneħħija tal-ġebla), sakemm b'hekk huma ma assumewx il-karattru ta' oġġetti jew prodotti tal-intestaturi l-oħrajn.

(c) Wajer

Prodotti llaminati, estrużi, jew miġbudin, f'koljaturi, b'sezzjoni trasversali solida uniformi mat-tul kollu tagħhom fil-forma ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inkluż kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari (inklużi "ċrieki ċċattjati" u "rettangoli modifikati", li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, il-ġenbejn l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli). Prodotti b'sezzjoni trasversali rettangolari (inkluż kwadra), trijangulari jew poligonali jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati mat-tul kollu tagħhom. Il-ħxuna ta' dawn il-prodotti li għandhom sezzjoni trasversali rettangolari (inkluż "rettangolari modifikat") taqbeż għaxra fil-mija tal-wisa'.

(d) Pjanċi, folji, strixxi u fojl

Prodotti b'wiċċ ċatt (għajr il-prodotti mhux maħdumin), f'koljaturi jew le, ta' sezzjoni trasversali solida rettangolari (għajr kwadra) bil-kantunieri ttundjati jew le (inkluż "rettangoli modifikati" li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, il-ġenbejn l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli) ta' ħxuna uniformi, li huma:

- ta' forma rettangolari (inkluż kwadra) ta' ħxuna li ma taqbiżx għaxra fil-mija tal-wisa';

- ta' forma oħra għajr rettangolari jew kwadra, ta' kwalunkwe qies, sakemm ma jassumux il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' intestaturi oħrajn.

L-intestaturi għall-pjanċi, folji, strixxi u fojl japplikaw, *inter alia*, għal pjanċi, folji, strixxi u fojl b'disinji (eż. gruvijiet, ribs, ċangaturi, forom ta' dmugħ, buttuni, rombi) u għal dawk il-prodotti li kienu perforati, ikkorrugati, illustrati jew miksijin, sakemm b'hekk ma jassumux il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' intestaturi oħrajn.

(e) Tubi u pajpijiet

Prodotti vojta, f'koljaturi jew le, b'sezzjoni trasversali uniformi b'vojt wieħed biss magħluq mat-tul kollu tagħhom fil-forma ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inkluż kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari, u li għandhom ħxuna ta' ħitan uniformi. Prodotti b'sezzjoni trasversali rettangolari (inkluż kwadra), trijangulari ekwilaterali jew poligonali konvessi regolari, li jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati ma' tulhom kollu, għandhom ukoll jitqiesu li huma tubi u pajpijiet sakemm is-sezzjonijiet trasversali ta' ġewwa u ta' barra jkunu konċentriċi u jkollhom l-istess għamla u orjentazzjoni. Tubi u pajpijiet bis-sezzjonijiet trasversali t'hawn fuq jistgħu jkunu illustrati, miksijin, mgħawġin, bil-kamin, imtaqqbin, bil-qadd, espanduti, f'forma ta' koni jew mgħammrin bi flanġijiet, kullari jew ċrieki

KAPITOLU 72

ĦADID U AZZAR

Noti

1. F'dan il-kapitolu u, fil-każ tan-noti (d), (e) u (f) fin-nomenklatura kollha, dawn l-espressjonijiet li ġejjin għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

(a) Ħadid fondut grezz

Ligi tal-karbonju u tal-ħadid mhux malleabbli għall-finijiet utli, li iżjed minn 2 % tagħhom skont il-piż ikun magħmul mill-karbonju u li jista' jkun fihom, skont il-piż, element ieħor jew iktar f'dawn il-limiti li ġejjin:

— mhux iktar minn 10 % ta' kromju,

— mhux iktar minn 6 % ta' manganiż,

— mhux iktar minn 3 % ta' fosforu,

— mhux iktar minn 8 % ta' siliċju,

— total ta' mhux iktar minn 10 % ta' elementi oħrajn.

(b) Spiegeleisen

Ligi tal-karbonju u tal-ħadid li fihom skont il-piż iktar minn 6 % ta' manganiż iżda mhux iktar minn 30 % u li mill-aspetti l-oħra kollha tagħhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni f'(a) hawn fuq.

(c) Ligi tal-ħadid

Ligi f'ingotti, blokok, ċapep jew f'forom primarji simili, f'forom miksubin permezz ta' fondar kontinwu u ukoll f'forom granulari jew trab, agglomerati jew le, komunement użati bħala addittiv fil-manifattura ta' ligi oħrajn jew bħala deossidanti, aġenti għad-desulfurizzazzjoni jew għal użi simili fil-metallurġija tal-ħadid u ġeneralment mhux malleabbli għall-finijiet utli, li fihom 4 % jew iktar skont il-piż tal-element ħadid u wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin:

